

## V

(Opinjonijiet)

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.5859 – Whirlpool/Privileg Rights)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

**(2010/C 154/05)**

1. Fit-2 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Whirlpool Corporation ("Whirlpool", Stati Uniti) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, kontroll tat-trejdmarks, l-applikazzjonijiet tat-trejdmark u l-oqsma taħt l-isem "Privileg" (il—"Privileg Rights").

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Whirlpool: Manifattura u kummerċjalizzazzjoni ta' apparat domestiku, primarjament għall-użu fid-djar. Il-prodotti prinċipali ta' Whirlpool huma apparat domestiku ewlieni, bħalma hu apparat relataf mall-ħasil tal-ħwejjeġ, friġġis, apparat tat-tisjir, u dixwoxers,
- Privileg Rights: Dawn id-drittijiet kienu jintużaw qabel għall-kummerċ ta' apparat domestiku kbir u apparat domestiku żgħir, b'mod partikolari fil-Ġermanja u l-Awstrija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejil lil-COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5859 – Whirlpool/Privileg Rights, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
 Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
 Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
 J-70  
 1049 Bruxelles/Brussel  
 BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien).